# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Clayton Cascun Portelli

Illum 11 ta’ Dicembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Clayton Cascun Portelli, bin David u Anna nee Cascun imwielda fil-05/05/1987 u joqghod 28, Marygold, Triq Charles Magro, Fgura, ID 212287M.

Billi int akkuzat talli fis-26 ta’ Gunju, 2023 ghall-habta ta’ 19.30 hrs u 20.00 hrs f’Triq Santa Marija, Tarxien, soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni DBU 054;

1. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Nadine Penza li gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218

tal-Kapitolu 9  tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. Kim Hallett MD mill-MDH Kap 9 Art. 226(1)(a).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l- Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda. tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni;

Rat  x-xhieda tal-imputat u x-xhieda tieghu stess;

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta;

Semghet it-trattazjoni;

**Ikkunsidrat**

**PS 159 Reuben Pace** xehed permezz ta’ affidavit kif ukoll viva voce

Avu: Kontro Ezami, mela Surgent tiftakar min irraporta dan l-incident?

Xhud: Ahna konnha gejna infurmati bit-telefone li hemm incident bejn karozza u mutur, tal-mutur waqghet u kien hemm bzonn l-assistenza taghna.

Avu: Pero ghandek amment min kien cempel jekk kien x ragel mara?

Xhud: Le ma rcivejtiex jien li mort fuq il-post wara li infurmani bil-habta.

Avu: Issa inti ghedt mal-kollegi tiieghek mort fuq il-post pero jiena nixtieq li tispjega ezattament meta wasalt fuq il-post x`sibt bhala rizultat ta dak l-incident li sehh?

Xhud: Mela sibt il-karozza li il-moviment li għamlet ix-xufier tagħha is-Sur Cascun reġa' għamilha f'postha.

Qorti: X`jigifieri rega` ghamilha f`postha?

Xhud: Mill-verżjoni milli tkellimna fuq il-post milli tkellimna fuq il-post il-karozzi ma ħallewhomx kif kienu wara li seħħ l-impatt. Il-karozza reġgħet ġiet ipparkjata f'postna skeċċ ma stajtx nagħmel issa il-mutur ukoll il-mutur mm kien ftit metri l-bogħod ġie imċaqlaq u s-sinjura baqgħet fuq il-bankina fl-art. Is-sinjura Nadine Penza.

Avu: Tajjeb għal fini ta' kjarezza għaliex qed tispeċifika li l-karozza ċaqlaqha l-akkużat pero mhux qed tgħidilna min ċaqlaq il-mutur inti taf min caqalqu l-mutur?

Xhud: Le le l-mutur m'għandix idea.

Avu: M' ghandekx idejhom u jekk nissuġġerixxi li?

Xhud: Il-Mutur mhux neħħewh minn fejn kien il-mutur qajmuh f'postu bil-wieqfa.

Avu: U inti meta mort fuq il-post pero il-mutur fejn kien?

Xhud: Ftit metri bogħod.

Avu: Imma kien fuq il-post fejn parte ċivile habtaet jew le?

Xhud: Le le iktar il-fuq.

Qorti: Dan dejjem x`qalulek hux hekk?

Xhud: Dan dejjem xi gbarna fuq il-post ta` dak il-hin wara.

Avu: Tajjeb mill-informazzjoni li qalulek kien hemm impatt jew le bejn iż-żewġ vetturi?

Xhud: Jiena ma nafx jekk hemmx impatt għax jien ma kontx hemm mill-informazzjoni li ġbart is-sinjura li kienet mal-art u li kellha xi ġrieħi dak il-ħin, qalet illi il-karozza l-oħra żvijata u is-sinjur qal li huwa ħiereġ minn parkeġġ kif suppost ma laqat lil ħadd u din is-sinjura waqat waħedha. Dik kienet l-informazzjoni li ġbarna kwistjoni fuq il-post.

Qorti: Fuq il-post lil Cascun Portelli tajtu il-warning?

Xhud: Mela fuq il-post ahna meta imorru rridu naraw kif ġrat oriġinarjament ma konniex.

Qorti: Din il-verżjoni kienet wara li inti tajtu il-warning jew inaghtax warning?

Xhud: Le le warning aħna niġbru informazzjoni ta' kif seħħet l-inċident dak il-hin.

Qorti: Allura mhux trid ittih il-warning Surgent?

Xhud: Imma aħna ma konniex aħna qegħdin hawn illum għax is-sinjura lanqas medical assistance ma riedet.

Avu: Hekk hu hekk hu, pero s-sinjorija tagħha u jiena nagħmillek l-istess mistoqsija qegħdin nistaqsuk.

Qorti: Din il-problema dawn qiegħed hawnhekk ma jistax jgħid affarijiet li jista' jinkrimina ruħu mingħajr ma jingħata twissija allura jien ikolli, bżonn ikolli niskarta dak kollu li jingħad quddiemek surġent.

Xhud: Imma aħna qed insibu problema fuq il-post ħalli fil-każ nirranġawha din immaġina bniedem ma jwegibikx ħa nagħmel skeċċ ħa nieħduh ir-rapport qed insibu problema fuq il-post.

Qorti: Jien mhinix nghidlek m`hemmx problema jiena mhinix Qorti Kostituzzjonali mhiniex Qorti ta' Appell fil-kollizzjonijiet tifhem li l-maġistrat ftit ħafna imma dawn in-nies ħafna iktar eruditi minni qed jgħidu anki fuq tax-xorb allura qed ikolli ħafna drabi niskarta kollox jien issa kif ħa tiġi solvuta din il-problemi dawn problema tal-korp tal-pulizija mhux tiegħi.

Xhud: Jiena jiena le li nista' forsi jekk tippermettili inżid hemm il-parir legali tajtulu wara li sirt naf li din dan il-każ ħa nispiċċaw il-qorti għax sinjur bagħat għalih fuq it-telefon għedtlu.

Qorti: Fuq it-telefon ma tafx ma min qed titkellem.

Xhud: Drittijiet legali tajtu jien once li sirt naf li ha mmorru l-Qorti.

Qorti: Hawnhekk m' għandhiex miktub Surġent.

Avu: Ejja nimxu pass pass inti fl-affidavit ghedt fl-ahhar tal-affidavit inti ktibt inzid ma din l-istqarijja u nagħlaq bil-verżjonijiet illi qalu eżattament fuq il-post tal-inċident iż-żewġ persuni msemmija mela inti, iż-żewġ persuni inkluż l-akkużat ġbart il-verżjoni tagħhom qed tikkwotahom inti fl-affidavit inti dak il-hin tajtu dritt li tkellem avukat.

Qorti: Li m`ghandix miktub hawn ma tahx daqsekk.

Avu: Mela inti surgent għedtilna illi rajtha bil-ġrieħi li l-parte ċivile li kienet qed issuq?

Xhud: Kellah xi grif.

Avu: Giet offerta ambulanza?

Xhud: Ijja offrejtilha inwassalha jien ukoll.

Avu: U x' kienet ir-risposta tal-parte civile?

Xhud: Ma rieditx medical assistance u jidhirli li marret ma' xi nies li waqfu dak il-ħin.

Avu: Marret ma' xi nies u ħallietu hemm il-mutur allura wara?

Xhud: Hallietu hemmhekk iva.

Avu: Jekk nissuġġerixxi li hi saqet il-mutur, il-polyclinic istess?

Xhud: Mela jiena soqt qabilha ghax ma rajtiex.

Avu: U inti gabitlek xi ċertifikati eventwalment?

Xhud: Wara, u pprezentatli ċertifikat tal-clinic imbagħad ċertifikat ieħor għax kellha bżonn xi medical assistance oħra l-isptar.

Avu: Tajjeb wisq l-aħħar mistoqsija naqblu illi ċertifikat minnhom ir-riżultanzi tiegħu kien illi l-ġrieħi kienu minor u li ċ-ċertifikat it-tieni wieħed r-riżultanzi tiegħu kienu li l-ġrieħi kienu grievious?

Xhud: Ħa naqra mir-rapport għax l-ewwel ċertifikat ta' Dr Thomas Camilleri kienu minuri iva imbagħad hemm ċertifikat ieħor ta' Dr. Kim Hallet illi il-ġrieħi nbiddlu għall-gravi b'hekk qegħdin hawn.

Avu: Dak kollox jiena.

Qorti: L-ewwel wiehed Minor pending investigations għandek.

Xhud: It-tieni gravi sinjura.

**Nadine Penza,** xehdet hekk

Avu: Mela Nadine qiegħda hawn fuq inċident partikolari tista' tgħidilna dan meta ġara u fejn?

Xhud: Ġara fit-26 ta' Gunju 2023 ġo Raħal Gdid quddiem il-Kunsill Lokali ta' Raħal Gdid, Hal-Tarxien sorry.

Avu: Issa dan l-inċident fi x`ħin sar?

Xhud: Sar 06:30/07:00 ta' filgħaxija jien kont qed insuq mutur taghha kien ta` 50 CC jiġifieri mutur żgħir ECM 846n kont qed isuq il-mutur fid-dritta issa jiena isuq mutur peress li żgħir il-mutur dan 45 km itellgha insuq bhal karozzi normali Wara il-karozzi kont qiegħda wara vann minn dawn tal-merkanzija u inżommha allura biex inkun nista' nara l-ġnub nara kien hemm.

Pros: It-triq kemm fiha lanes sinjura li kont ghaddeja minnha?

Xhud: Wahda.

Pros: U direzzjoni tat-traffic?

Xhud: Kienet direzzjoni 1 min-naħa ta' Raħal Gdid sejra lejn is-South imma on the left hemm side street li joħorġu minnha biex ikunu jistgħu jduru għal-Raħal Gdid u fit-triq bejniethom hemm line mhux give way line biex jagħti indikazzjoni biex tagħti, meta kont qed insuq rajt karozza wieqfa qiegħda at an angle imma ma kellix indicator u bqajt insuq normali kif ikklierja l-vann, il-vann nisma' l-karozza tirrefja u f'daqqa wahda ħarġitli dil-karozza.

Qorti: X`vann hu vann jew karozza?

Xhud: Jien kont qed insuq wara vann imma on the side rajt karozza on the right rajt karozza li qiegħda at an angle din ma kellhiex indikatur u bqajt insuq normali kif il-vann ikklierja, dil-karozza smajt dik il-karozza tirrefja u ħareġ dritt.

Qorti: Int kont ezatt wara l-vann jew biswitu?

Xhud: Jiena kont qeghda qisu kien hemm spazju ta' karozza għax vann.

Qorti: Warajh jew biswitu?

Xhud: Le warajh jien insuq bhal karozzi ghax.

Qorti: Issa dil-vettura li qed tgħid kienet an angle on the side kienet kien ipparkjata?

Xhud: Kien fil-parking u meta ħariġli għan-nofs tipo jekk kont se nidħol ġo fih peress li kont qiegħda viċin wisq kont se nweġġa' iktar allura ppruvajt niskapulah umbagħad meta skapulajtu sibt qisu l-aħħar qisu l-ahhar thirty centimeters tal-bankina weħilt ġol-bankina.

Qorti: U x`gara per konsegwenza?

Xhud: Il-mutur ogħla minn wara waqajt fuq minkbejja ħbatt rasi u anke tlift il-vista tan-naħa tal-left għal siegħa u nofs, sagħtejn, ksirt idejja.

Qorti: Kemm domt għadek qed tbati xi konsegwenzi sinjorina?

Xhud: Iva kelli nibdel ix-xogħol għax ma għadnix nista' nerfa` affarijiet tqal jigifieri fiżiki kien hemm għax jien kont nagħmel ħafna manual work.

Pros: Din il-karozza li qed tgħid tiftakar min kien qed isuqha?

Xhud: Iva, qieghed hemm.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputat iva.

Pros: Kemm domt biex tfieq idejk kemm damet?

Qorti: Qaltlek ghadha ma fiqietx.

Avu: Jiena indikajt karozza li kienet ġo parkeġġ tiftakar din il-karozza x'kulur kienet u x' għamla kienet?

Xhud: L-ghamla ma niftakarhiex l-għamla ma niftakarhiex imma mingħalija kienet lewn bajda.

Avu: Issa wara l-incident meta sar l-inċident imbagħad x' ġara wara dak il-mument wara li inti ghelibt  bil-mutur spjegajlna x'ġara?

Xhud: Is-sinjur reġa' tefa' il-karozza fil-parking ġej saqsini jekk hi jekk mhux orrajt ovvjament għedtlu le m' inhiex orrajt u għedtlu suppost tħares fil-blind spot qalli għax hemmhekk għandek giveway għedtlu suppost tħares fil-blind spot qalli inti kont ġejja biss …. Għedtlu suppost kont ġejja bil-blind spot ghedtlu u dan huwa mutur ta' 50 ghedtlu lanqas biss jagħraf 70 qalli okay ha inċempel l-avukat. U minn hemmhekk lanqas il-ambulanza għidtlu li mhux qed nara ma ċempilli tipo l-avukat ried icempel.

Avu: Issa il-mutur x`sar minnu dak il-ħin?

Qorti: Inti mort l-isptar sinjura?

Xhud: Ijja.

Qorti: Bl-ambulanza jew ħadek xi ħadd?

Xhud: Kien hemm kien hemm sinjura fi triq ħaditni l-polyclinic u mill-polyclinic mort l-isptar.

Qorti: Haduk l-isptar jew mort l-isptar mil-polyclinic?

Xhud: Bit-Taxi mort.

Avu: Inti kemm il-darba ġejt iċċertifikat minn tabib fuq dan l-inċident?

Xhud: F'liema sens l-ewwel darba meta l-polyclinic u imbagħad il-polyclinic bagħtuni bagħtuni l-isptar.

Avu: U meta mort l-isptar?

Xhud: Ghamilt mit-26 ta` fl-ghaxija umbagfhad hrigt fit-27 filghodu.

Avu: Jigifieri inti kont l-emerġenzi nifhem sew li skond l-emerġenza?

Xhud: Iva ghamluli l-X-Rays kont l-emergenza rawni raw ghanjejja raw idejja haduli X-Ray tas-shoulder umbaghad tawni l-Physio wara l-incident.

Avu: Il-mutur x`sar minnu dak il-hin?

Xhud:

Il-mutur ħallejtu mal-ġenb hemmhekk imbagħad mar ġabuli l-għada qraba tiegħi insomma.

Avu: Wara l-inċident rrappurtajtu lil xi ħadd?

Xhud: F'liema sens irrapportajtu lil xi hadd?

Avu: Wara l-inċident, jiġifieri meta seħħ l-inċident?

Xhud: U l-pulizija x'ġara mal-pulizija fuq l-inċident?

Xhud: Il-pulizija meta ġew qaluli li dik mhijiex giveway u speċi ta' mbagħad nagħti l-karti ta' l-isptar lilhom fl-għassa.

Avu: U ħadu rendikont ta' x'ġara, jiġifieri dak in-nhar?

Xhud: Iva.

Avu2: Mela sinjura Penza ovvjament jiena nissimpatizza mal-fatt li kien hemm aċċident pero nagħmillek xi mistoqsijiet l-għamla tal-karozza li kienet ħierġa minn dak il-parkeġġ mis-sinjur għedtilna li kienet karozza ta' kulur?

Xhud: Ċara.

Avu2: Issa it-triq biex inkun nista' nifhem jiena wkoll tista terġa b'mod aktar dettaljat tispjegaha?

Xhud: Mela jiena kont ġejja min-naħa ta' Raħal Gdid gejja s-South dik hija lnae one one way.

Avu2: U kemm għandha karreġġjati?

Xhud: Wahda, issa quddiem quddiem il-Local Council hemmhekk hemm side street fuq in-naħa tal-left li joħorġu minnha biss issa jekk tibqa' ġejja min-naħa tiegħi, it-triq tiftaħ fit-tnejn li huma t-tnejn li huma one way.

Avu2: Issa inti iddeskrivejt illi kien hemm karozza quddiemek?

Xhud: Vann bil-kaxxa quddiemi tal-merkanzija.

Avu2: Tal-merkanzija bil-kaxxa fuq wara naqblu?

Xhud: Iva.

Avu2: Issa inti dan il-vann f'xi mument qbiztu jew le?

Xhud: Le.

Avu2: Dan il-vann fejn kien qiegħed?

Xhud: Fit-triq quddiemi kien hemm spazju qisu ta' karozza bejnietna.

Avu2: Issa jekk ikolli niddeskrivi t-triq jiena u tgħidli jekk għandix raġun jew le sewwa, it-triq hija dritta minn fejn ikun ġej inti?

Xhud: Iva.

Avu2: U din it-triq għaddejja triq oħra li ddeskrivejt inti li tgħaddi minn quddiem din it-triq?

Xhud: Iva.

Avu2: Din it-triq li tgħaddi minn ġo fija ta' karreġġjata wahda mbagħad it-triq minn fejn kont għaddej inti dritt tkompli wara din it-triq li għadni kif iddeskriviet tkompli dritt naqblu?

Xhud: Mhmm.

Avu2: Bejn it-triq id-dritta li kont sejjer inti u t-triq li tgħaddi minn ġo fiha li l-karozzi jgħaddu minn ġo fiha hemm xi marki mal-art?

Xhud: Hemm sinjal dritt.

Avu2: X`jiġifieri sinjal dritt?

Xhud: Naghti attenzjoni lin-nies li ġejjin mit-triq tal-left.

Avu2: Issa jekk ikolli nissuġġerixxi li l-vann bil-kaxxa li kien hemm quddiemek kien wieqaf ma' dawn is-sinjal mal-art qabel ma tibda din it-triq li tgħaddi minn ġo fiha?

Xhud: Le ma kienx wieqaf ghax konnha għaddejjin hekk.

Avu2: Ma kontx, ok jekk nissuġġerixxi illi inti qbiżt lil dan il-vann min-naħa tax-xellug u bqajt ħierġa?

Xhud: Le ma kontx.

Avu2: Jiġifieri inti qed tgħid li dak il-ħin tal-inċident meta kien ħiereġ l-akkużat inti kellek viżwal quddiemek liberu?

Xhud: U zgur għax bil-mutur bilfors li tħalli spazju biex tara l-ġnub inkella ha titkhhal.

Avu2: Hekk suppost taghmel naqblu hekk hu hekk hu, issa tgħidilna b'liema speed kont għaddejja sinjura?

Xhud: Xi 35 xi haga hekk.

Avu2: Jekk nissuġġerixxi li kont għaddej aktar viċin is-sittin.

Xhud: Qed ngħidlek il-mutur kien 50 lanqas biss jara 60 ma jitlax.

Avu2: U inti tgħaddi ta' spiss minnha din it-triq sinjura?

Xhud: Iva iva.

Avu2: Tgħidilna kont għaddejja b'35, meta tasal fit-tarf qabel ma tgħaddi triq minn ġo fiha inti tkun tista' tara jekk hux ġejjin karozzi jew le?

Xhud: Iva.

Avu2: U dak il-ħin kienu ġejjin karozzi?

Xhud: Le konna qegħdin fit-triq kulħadd wara xulxin qieghed fil-lane tiegħu.

Avu2: U bqajt hierga bit-35?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Issa bejn il-post minn fejn kien ħiereġ l-akkużat mill-parkeġġ u l-post fejn inti ħbatt jew tlift il-kontroll u ilqatt il-bankina ddeskrivejt fl-affidavit eċċetra xi kemm hemm distanza jekk ikollna inkejlu b`vetturi per ezempju kemm il-vettura tidħol?

Xhud: Qidu wahda u nofs tnejn.

Avu2: Jekk nissugerixxi aktar minn hekk tlieta u anka tlieta u nofs?

Xhud: Le mhux tlieta u nofs zgur.

Avu2: Issa jiena m' għandux mutur inti trid tgħidli jekk tkun qed issuq bil-mutur bit-35 km meters per hour u jkun hemm bżonn tibbrejkja xi kemm ikun hemm distanza biex tibbrejkjaha?

Xhud: Xi metru metru u nofs skond il-mutur x' ikun kemm ikun b'saħħtu il-mutur u skont kemm ikunu il-brejkijiet żgur imma l-manufacturer ħa jagħmel is-saħħa tal-brejkijiet rigward il-mutur.

Avu2: Issa inti qed tgħidilna li ħbatt eventwalment waqajt għax tlift il-kontroll?

Xhud: Jiena ppruvajt niskapula biex ma nidħolx ġol-karozza biex ma weġġax iktar allura pprovajt nghaddi minn bejniethom ovvjament li meta ibendjajt tiegħi kont meta trid iddur bil-mutur tibbendja naqa meta iddrittajt u ndunajt li hemm il-bankina jekk kont se nerġa' nibbendja kont se nikolha xorta jigifieri ma stajtx essagg niskapula din il-biċċa tal-bankina għax litteralment daqshekk kien hemm.

Avu2: Issa int qed tgħidilna li t-triq hija ta` karreġġjata wahda pero mutur huwa żgħir ikkumparat mat-triq inti f'din il-karreġġjata wahda f'din ittri f'liema parti tagħha kont qed issuq fuq il-parti tal-lemin fejn kien hemm l-akkużat ħiereġ mill-parkeġġ jew fuq in-naha?

Xhud: Fin-nofs wara l-vann.

Avu2: U ippruvajt tiskapulah?

Xhud: Once li irrevja il-karozz u ħareġ u waqqaf eżatti u peress li ma harisx x`ħin ħares ħa qatgħa u waqqaf il-karozza il-mutur ġie parallel mar-rota ta' quddiem tal-karozza tiegħu allura kull orrajt kienet naqa iktar easy biex tipprova tiskapulah imma aħjar milli nidħol ġo fih għax konta weġġa' ħafna iktar.

Avu2: Hekk hu u inti bqajt għaddejja sakemm eventwalment wassalt sa triq?

Xhud: Pruvajt naqbzu imma ovvjament din il-karozza ma tkunx qed tara x'hemm wara essaġġ.

Avu2: Jekk nissuġġerixxi li wara l-aççident apparti li nnegajt il-ħtieġa tal-ambulanza inti soqt lejn il-polyclinic bil-mutur?

Xhud: Ħaduni kien hemm mara ħarġet mingħand id-dentista li kienet fil-kantuniera u ċemplet lir-raġel tagħha biex jeħduni lejn il-polyclinic jien ma soqtx. Il-mutur ħallejnieh hemm.

Avu2: U pparkjajtu jiġifieri x'għamilt bil-mutur?

Xhud: Ir-raġel dan is-sinjura tefahhuli, għax jien ma stajtx nerfgħu f'dak il-ħin tefahhuli dritt għax inzertaw li dawn it-tnejn isuqu l-muturi wkoll.

Avu2: Ok u meta huwa waqalek li l-mutur inti qajjimtu jew għenuk ukoll?

Xhud: Le il-mutur waqa` ma l-art ghax jien ma flahtx b`idi miksura.

Avu2: Jigifieri ghenuk biex tqajjmu?

Xhud: Le jien just hrigt minn taht il-mutur, il-mutur baqa` hemmhekk sakemm ġew il-pulizija u dan imbagħad dil-mara ċemplet lir-raġel tagħha u ħaduni għand il-polyclinic.

Avu2: Daqsekk kollox.

**<u>Clayton Cascun Portelli,</u>** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, Mela Clayton mhux se noqgħod mhux se noqgħod nirrepeti l-istorja issa ħarġet ċara pero nixtieq li tiddeskrivi eżattament inti dak il-ħin u f'dak il-post tal-accident x'kont qed tagħmel u kif kont qed tagħmel dak li kont qed tagħmel?

Xhud: Mela hemm il-proposti fl-inkwetah sew, jiġifieri nafu dħalt fil-karozza startjajt xegħelt indicator ovvjament ħarist warajja u rajt vann tal-merkanzija.

Avu: Dal-vann fejn kien?

Xhud: Warajja.

Avu: Dal-vann waqaf biex jiena ħa nqabad ħiereġ għax ovvjament ra l-indikatur tiegħi mixgħul f'daqqa wahda għax jien ħa naqbad ħiereġ rajt il-mutur ġej minn wara l-vann on the left hand side u jiena waqaft u inħsadt ovvjament il-mutur qabiżni u kien tieghla iktar minn 35 il-ghaliex bejn il-parking għax ġibt xi ritratti wkoll bejn il-parking illi kont jiena għall-kantuniera qabdet il-bankina sinjura hemm kważi 6/7m mmm UU baqgħet dieħla fil-bankina hemmhekk ovvjament.

Avu: Qabel ma tkompli tgħidilna li l-vann kien warajk u kien waqaf?

Xhud: Cedieli.

Avu: Ok issa kien warajk imma spjega kif kien warajk x'hemm warajk inti?

Qorti: Jigifieri inti qed tghid li l-vann waqaf biex tohrog u l-mutur ghadda fuq ir-right tal-vann u b`hekk sar l-impatt?

Xhud: Fuq in-naha tal-left tal-vann, il-vann wieqaf warajja fejn hemm dak il-line.

Qorti:

Int warajk ipparkjat kont?

Xhud: Ijja ipparkjat hiereg ghax cedieli l-vann.

Qorti: Iva imma inti qed tghid qabżet minn fuq ir-right u left meta nħarsu qisu jekk int qiegħed quddiem on the right or on left?

Xhud: Jekk qieghda bilqeghda biex tifhimni on the left hand side tal-vann.

Qorti: Jigifieri inti kont quddiem il-vann?

Xhud: Ezatt kont ipparkjat l-vann waqaf quddiem il-għajn biex iċedi lili għax kont indikat or jiena ħiereġ u l-mutur,

Qorti: Mort oltre l-vann jiġifieri?

Xhud: Le le le kont għadni fil-parking hiereg jiena.

Qorti: Allura kif ghaddiet minn fuq il-left?

Avu: Mela biex niffaċilitaw l-eżerċizzju Calyton inti taf li għandek xi numru ta' ritratti quddiemek ispjega naqra il-Qorti fuq liema naha tal-vann kont on it`s left or on it`s right?

Xhud: Mela jiena karozza tiegħek qegħda pparkjata hawnhekk fejn hawn il-karozza l-blu ovvjament dawn huma ritratti.

Qorti: Hawnhekk ma jfisser xejn.

Avu: U ħa timmarka fuq 4, immarka ittra X inti fejn kont?

Xhud: Fuq dokument D1 X fejn kont ipparkjat jiena Y fejn kien il-vann fejn cedieli.

Avu: Bi vlegga jekk tindika minn fejn kienet gejja tal-mutur u kif qabzet lil vann vlegga twila mill-bidu sal-aħħar orrajt irridek tagħmel ċirku il-post il-post tal-impatt fejn ħabtet u għaddieha lis-sinjorija. Issa abbażi ta' dik il-vleġġa li mmarkajt hemmhekk jerġa' spjega l-mutur kif qabeż il-vann?

Xhud: Mela l-vann waqaf fejn hemm il-linja jien ovvjament bl-indicator nqabad ħiereġ u l-mutur għadda min-naħa tal-left tal-vann u tiela' bl-istess direzzjoni fejn kont ħiereġ jiena ovvjament din ma setgħet tarani qatt ħiereġ lili għaliex għax kien hemm il-vann wara quddiemha.

Avu: Inti għandek ritratt ieħor quddiemek dak ir-ritratt qed naraw hemmhekk?

Xhud: Mela dokument D2 hawn qed juri l-parkeġġ fejn kont jiena u l-linja u l-linja li hemm sħiħa fejn il-vann waqaf.

Avu: Għandek it-tielet ritratt ghid x`ismu u x`qed tiddeskrivi hemmekk?

Xhud: Hemmhekk dokument hawn fejn waqqaf il-vann sabiex jiena quddiemu nkun nista' noħroġ u l-ahhar ritratt DOK D$ ħadt ir-ritratt tal-line li huwa sħiħ fejn persuna trid tieqaf biex jaqsmu l-karozzi minn mit-triq l-oħra li spjegajt inti.

Pros: Dawn ir-ritratti min hadhom?

Xhud: Mela dak ir-ritratt ħadd u jiena l-aħħar wieħed ta` DOK4 u l-oħrajn huma kollha minn google minn google maps ovvjament huma naqa` backdated.

Qorti: Mill-llum il-quddiem min inizzel minn google ma naccettahomx.

Avu: Mela Clayton int qed tgħidilna li tal-mutur tilfet il-kontroll inti dak il-ħin x' rajtha tagħmel tal-mutur?

Xhud: Baqgħet issuq baqgħet ittih il-gass u baqgħet dieħla fil-bankina ovvjament jiena waqqaft tfejt il-karozza ħallejtha fejn kienet fil-bidu u mort intiha l-assistenza.

Avu: Lil pulizija min cemplilhom?

Xhud: Jiena ċempiltilhom pulizija ghedtilha, staqsejtha jekk weġġatx dak il-ħin biex nara x' ħin ċempel l-ambulanza l-ewwel jew l-pulizija u ghedtilha la weġġajt ha nċempel lill-pulizija ċempilt l-għassa ta' Raħal Gdid qabduni u għedtilhom tistgħu tiġu għax kien hawn xi ħadd li kellu inċident ovvjament ġiet qisha daqsxejn aggressiva ghax qisha wehhlet fija li qlibtha jiena imma l-karozza tieghi lanqas daqqiet m`ghandha jigifieri aqqas ilqatta u l-pulizija dak il-ħin qalli l-persuna weġgħat għidtlu ha nsaqsiha għax jien m'iniex tabib staqsejtha jekk  weġġgħatx, u għedtlu li le ma weġġatx u qalli mela trid icċempel lill-Lesa ovvjament dak il-ħin ċempilt il-Lesa, il-Lesa x`hin għedtilhom il-persuna waqgħet bil-mutur qalli le trid icċempel lill-pulizija u erġajt ċempilt il-pulizija dak il-ħin li erġajt ċempilt il-pulizija ma nafx jekk is-surġent jew hekk l-istess wiehed gegħelni nagħmel il-mowbajl loud speaker biex ikellem lis-sinjura u qallha inti weġġajt iva jew le u qaltlu iva weġġajt ftit u ovvjament imbagħad ġew il-x'jisimhom hemmhekk imma xħin caqalqet il-mutur hi jiena ma ħallejtx il-karozza tiegħi sporgata ftit il-barra ressaqtha ukoll hu għax jiena dak il-ħin ma ħassejtx li għamilt l-inċident jiena din baqet tieghla bil-gass fejn suppost waqfet.

Avu: Allura inti eventwalment imbagħad is-sinjura kif marret il-polyclinic jew marret fejn kellha tmur?

Xhud: Jiena rajtha taqbad il-motor u tmur bih.

Avu: Bil-mutur bdiet issuq hi jigifieri?

Xhud: Iva.

Avu: Dak kollox.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Mela sinjur jekk nissuġġerilek illi l-vann kien għaddej minn triq Santa Marija sewwa u baqa' għaddej minn triq Santa Marija?

Xhud: Le il-vann waqaf u ċeda lili.

Avu2: Baqa' għaddej minn Santa Marija?

Xhud: Le le.

Avu2: Mela fejn mar il-vann?

Xhud: Mela fejn mar il-vann waqaf qabel il-linja nfatti tagħha l-għajnuna wkoll għax ġie jghinna.

Avu: Il-mutur f'liema triq kien sejjer?

Xhud: L-istess wahda triq Santa Marija jibqa tiela dritt.

Avu2: U inti lejn liem triq kont sejjer?

Xhud: Kont sejjer fi triq Santa Marija fl-istess triq konnha kemm ahna ovvjament jien ma stajtx naqrah għax kien hemm il-vann quddiem il-mutur.

Avu2: Mela jekk nissuġġerilek illi il-mutur li kieku għadda min-naħa tax-xellug kif qed tgħid inti sabiex wasal fi triq Santa Marija kien ikollu viżibbiltà sew li kieku għamel hekk?

Xhud: Le, ghax jiena kont 2m/3m il-bogħod mil-linja li suppost hemm kien hemm il-vann infatti hi kienet wara l-vann u qabżitu jiġifieri konna close hu jien hu l-vann.

Avu2: Naqblu illi inti kont fl-ewwel parkeġġ wara l-linja?

Xhud: Ehe.

Avu2: Kif taqbez il-linja?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Naqblu illi mill-parti minn dak il-parkeġġ sal-linja hemm tul ta' madwar 2 karozzi?

Xhud: Le m`hemmx daqshekk tul.

Avu2: Jigifieri inti nifhem sew li inti qed tghid illi s-sinjura refat il-mutur beda miksura?

Xhud: Dak il-ħin lanqas qaltli li għandek ksur, brix.

Avu2: Hi kienet muġugħa naqblu li kienet muġugħa?

Xhud: Lili dak il-ħin qaltli qed tugaha rasha u għandha l-brix ma' saqajha.

Avu2: Inti ghedtli meta cempel il-pulizija infurmatek li muġugħa.

Xhud: Qaltlu iva ftit muġugħa imma l-ewwel darba le l-ewwel darba li ċempilt il-pulizija qaltlu le ma weġġajtx qalli mela ċempel lil-Lesa.

Avu2: Inti spjegajt li ħarġet li ħriġt mill-karozza mal-ewwel mort bdew dak il-ħin mal-ewwel qaltlek.

Xhud: Saqsejniha jekk hux orajt gie ir-ragel l-iehor umbaghad bdiet tghidli mhux mal-ewwel bdiet tghidli ara x`ghamiltli ghedtilha aqqas biss ilqattek ghedtilha oqoghod hemm ha

ngibu il-pulizija l-pulizija ħa nagħmlu l-affarijiet kif suppost.

Avu2: U inti kkonsultajt mal-avukat tiegħek?

Xhud: Dak il-ħin le.

Avu2: Fi x'ħin ċempiltlu l-avukat tiegħek?

Xhud: Wara, mbaghad li sar ir-rapport.

Avu2: Jigifieri inti qed tibqa tinsisiti li l-vann waqaf bil-gurmament qed ninsisti li l-vann waqaf?

Xhud: Jien kont hiereg bl-indicator mixghul kieku l-vann ma waqqafx il-vann lanqas kien jaghmel inċident ċempilt il-pulizija qalu li ċempel lill-Lesa ċempilt il-Lesa ma nafx kemm dam biex qbgħatthom erġajt ċempilt lill-pulizija u ġeghlni nkellem lilha u mbagħad ġew il-pulizija mir-Raħal Gdid Hal Tarxien. Il-karozzi jridu jgħaddu hi ċaqalqet il-mutur biex jgħaddu l-karozzi u l-vann telaq.

Avu2: Grazzi.

**<u>Mario Manicaro,</u>** xehed hekk

Avu: Mela, sur Mario mistoqsija wahda u sempliċi inti dakinhar illi seħħ l-inċident?

Qorti: Rajt xi inċident iseħħ sinjur?

Xhud: Jiena kont ghaddej bil-vann kien hemm wieħed bil-karozza qabbli bil-karozza xegħeli l-indikatur li qiegħed il-qorti.

Qorti: Ix-xhud indika l-imputat.

Xhud: Xegħel l-indikatur jien kont warajh waqaft.

Qorti: Kont warajh x`igifieri kien qed isuq quddiemek jew kien fil-parking?

Xhud: Kien fil-parking kien qed jaqla xeghel l-indicator li ha jurini li ħa jaqla' il-karozza.

Qorti: U inti kont warajh fis-sens ghax hu kien ipparkjat quddiemek?

Xhud: Ezatt sinjura, u f'daqqa wahda gie wahda bil-mutur gas down għaddietli min-naħa tax-xellug u jien ħadt qatgha uu nżilt, u hi ħabtet mal-bankina u mal-faċċata. Jiena nżilt biex ngħinuha u hi qabdet il-mutur.

Qorti: Inti kellimt lill-pulizija?

Xhud: Le.

Avu: Dak kollox mis-sinjorina sinjura.

Avu2: Kontro Ezami, sinjur in-number plate tal-karozza tiegħek x'inhu please?

Xhud: Tal-vann ma nafux bl-amment Toyota imma numru ma nafux.

Avu2: Tista' tispjegalna eżatt fejn sar l-inċident?

Xhud: Hal-Tarxien, għax jien minn hemm dik it-triq istess noqoghod jien.

Avu2: Okay toqgħod hemm u int fejn kont sejjer liem naħa kont sejjer?

Xhud: Lejn il-garaxx tieghi.

Avu2: U l-mutur tista' tispjega fejn kien eżatt?

Xhud: Għaddiet minn mal-ġenb kienet għaddejja mhux ħażin, sabet il-bankina u waqghet fiha dik li naf.

Avu2: Inti x'għamilt wara l-impatt?

Xhud: Inzit nghinha uu mea jiena ha nhalli il-bniedem fl-art, umbaghad qamet ghedt din mhux hazin u tlaqt l`hemm xi tridni naghmel.

Avu2: Jiġifieri l-pulizija ma kellimthom fl-ebda punt?

Qorti: Kif saru jafu bik biex titla' tixhed illum?

Xhud: Xi ħadd impustali l-karta.

Qorti: Imma kif kienu jafu li int kont tal-vann jekk ma kontx hemmekk meta gew il-pulizija kf saru bik bhala xhud?

Xhud: Issa ma nafx jiena.

Avu2: Inti min infurmak biex tiġi hawn illum?

Xhud: Il-pulizija ġietni karta d-dar qiegħda għandi il-karta taħrika.

Avu2: U d-dettalji tiegħek tajthom lil xi ħadd ḍakinhar?

Xhud: Jew tahomlhom is-sinjur l-ghassa forsi.

Avu2: Is-Sinjur min hu?

Xud: Dan li qieghed hawn?

Qorti: I-xhud indika lil imputat.

Avu2: Inti tafu sinjur?

Xhud: Le dakinhar sirt nafu jiena.

Avu2: Dakinhar sirt tafu, jiġifieri inti tajtu d-dettalji tiegħek dakinhar?

Xhud: Mhux hekk.

Avu2: Inti kelliem tas-sinjura?

Xhud: Ghedtilha ghandekx bzonn xi haga jekk hekk uu.

Avu2: Id0dettalji tieghek ma tajthomliex is-sinujura?

Xhud: Le ma tajthomliex għax naħseb jiena jew mar l-għassa bid dettalji tieghi li tajtu jien halli jekk jinqala' xi ħaġa nkun naf dik li kienet hu sinjura.

Avu2: Issa il-vann tieghek x'għamla hu?

Xhud: Toyota Dyna miż-żgħar.

Avu2: Zghir jigifieri mhux kbir hafna?

Xhud: Zghir.

Avu2: Jekk nissuġġerilek li inti stajt kont wara s-sinjura mhux quddiemha x'għandek xi tgħid wara l-mutur?

Qorti: Aqqas hi ma qalet hekk ta hi qalet kienet warajh.

Avu2: Mhux l-istess vann sinjura.

Avu2: In ti ghedt li ghanek vann zghir mhux kbir?

Xhud: Iva nista norik l-ritratti fuq il-mobile, vann zghir vann bil-kaxxa li nahdem bih.

Qorti: Qed tghidlek dan il-mutur kien quddiemek mhux ghada minn hdejk.

Xhud: Le ghadda minn mal-genb sorry ghidilha ghadda minn mal-genb gas down u habat mal-bankina.

Avu2: Meta tghid gas down b`liema speed qed tghid?

Xhud: Naħseb 50/55 għax jiena ħadt ħadd qatgha.

Avu2: Jekk nissuġġerilek minn mutur tal-ħamsin kien u ma jitlax iktar minn 45km fis-siegħa għalik?

Xhud: Jiena rajtha għaddejja daqshekk issa jiena ma nifhimx kif imma kienet għaddejja mhux ħażin għax habtet mal-bankina.

Avu2: Inti b`liema speed kont ghaddej?

Xhud: Jiena bil-mod kont għaddej jiena waqaft x`ħin rajtha waqgħet fl-art x`ħin qabzitni u daħlet ġo l-bankina waqaft u.

Avu2: Issa l-bankina kemm qiegħda bogħod?

Qorti: Minuta għaliex waqaft mhux wieqaf kont int?

Xhud: Le le jien qalgha dak qabbli xeghel l-indicator biex jaqla' imbagħad jiena kont miexi warajh hi għaddiet minn mal-ġenb minn max-xellug u ħabtet hemm. Jiena dan m'għandix xi jridu tat-trouble, qalbi, jiena heq.

Avu2: Jiġifieri inti qed tgħid li laħaq ħareġ mill-parkeġġ?

Xhud: Mela hareg mil-parkegg kien qabbli umbaghad, u hareg fit-triq.

Avu: Ri ezami, meta qed tgħid illi lahaq ħareġ il-karozza li kienet fil-parkeġġ laħqet ħarġet kemm laħqet ħarġet mill-parkeġġ anke jekk ikollok tagħmel b'idejk?

Qorti: Hareg totalment kien fit-triq jew kien għadu ħa jidritta?

Xhud: Le kien fit-triq għax jien kont warajh.

Avu: Ok grazzi.

T-Tabib **Thomas Camilleri** xehed permezz ta' affidavit

It-Tabiba **Kimberley Hallett** xehdet permezz ta' affidavit

**Ikkunsidrat**

Hemm kunflit serju fil-verzjoni tal-partijiet rigwardanti l-incident. Senjatament rigwardanti d-dinamika tal-incident u ta' kif sehh l-impatt . Dan ifisser li ma hemmx l-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali u bhekk ma tisghax tinstab htija fl-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda. tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil Clayton Cascun Portelli hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**